# ĊIRKULARI 02/2026
## *Allowance* ta' Servizz fit-Tul

**Lil:** Presidenti, Viċi Presidenti, Membri u Segretarji Eżekuttivi, Kunsilli Reġjonali
Sindki, Viċi Sindki, Kunsillieri u Segretarji Eżekuttivi, Kunsilli Lokali

**Mingħand:** Direttur Ġenerali, Gvern Lokali

**Data:** 4 ta' Marzu 2026

B'riżultat tal-ftehim kollettiv li jkopri l-impjegati fis-servizz pubbliku, b'effett mill-1 ta' Jannar 2026, l-uffiċjali li jkunu servew fit-tul fis-servizz pubbliku huma intitolati għal *allowance* ta' Servizz fit-Tul, ikkalkulat skont is-snin ta' servizz. Dan japplika għas-Segretarji Eżekuttivi minħabba li huma uffiċjali pubbliċi (skont Artiklu 49(3) tal-Att dwar Gvern Lokali).

Għaldaqstant, il-Kunsill irid jara li jekk is-Segretarju Eżekuttiv jissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa, dan għandu jitħallas l-*allowance* annwali dovut fit-tielet paga ta' kull sena.

Mehmuż ma' din iċ-ċirkulari qiegħed jiġi mibgħut estratt mill-ftehim kollettiv li jirreferi għall-*allowance* ta' Servizz fit-Tul. Nirreferikom ukoll għat-taqsima 3.3.8 tal-Manwal tal-*Allowances* tas-Servizz Pubbliku.

**IFFIRMATA**
Emil Vassallo
Direttur Ġenerali

Kopji: Ministru għall-Kultura, l-Artijiet u l-Gvern Lokali
Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali
Segretarju Permanenti, MCLG
Awditur Ġenerali
Direttur, Gvern Lokali (Monitoraġġ u Sapport)
Direttur, Gvern Lokali (Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy)
Direttur, Gvern Lokali (Finance and Procurement Compliance)
President, AKL
President, ANSEK